**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Nru: 664/2015 AF**

**Oswald u Valerie konjugi Balzan**

**vs**

**Demir Derya**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Oswald Balzan li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimata hija debitrici taghhom fis-somma ta' €15,359.69c oltre l-imghax legali mill-25 ta' Mejju 2015 skond statement of account hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.

Dawn il-flus jirrapprezentaw prezz ta' vettura tal-ghamla Mazda 2, b'registrazzjoni numru HBL 791 liema vettura inxtrat ghannom u fl-interess tal-istess intimata li taghha qed jaghmlu tajjeb l-atturi bl-obbligu li hija kellha thallas dan l-ammont.

L-intimata waqfet milli taghmel dawn il-pagamenti u ghandha arretrati dovuti lill-atturi biex jithallsu lil Gasan Enterprises Limited fl-ammont ta' €1,506.15c u dan sal-5 ta' Gunju 2015 kif jirrizulta mill-istatement hawn anness.

Il-karozza HBL 791 dejjem baqghet fil-pussess tal-intimata liema karozza kkawzatilha diversi hsarat u li ghalhekk m'ghandix il-valur tal-bilanc dovut lil Gasan Enterprises Limited.

Barra minn hekk ir-rikorrenti selfu lill-intimata brevi manu s-somma ta' €2500 liema flus minkejja li kellhom jigu ritornati lir-rikorrenti baqghu ma thallsux lura minkejja d-diversi promessi oltre li dawn ittiehdulhom b'qerq peress illi hija kienet ser tispicca bla dar fejn toqghod.

Ir-rikorrenti mhix f'posizzjoni li taghmel dawn il-pagamenti u thallas id-dejn taghha u mhix solvibbli tant li l-istat taghha hekk tbiddel li qieghed fil-perikolu l-hlas tal-kreditu tar-rikorrenti u naqqas il-garanzija li skond il-ftehim kienet tat lill-kredituri billi naqset thallas il-pagamenti a rate kif obbligat ruhha li taghmel u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 1079 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk id-debitu dovut lir-rikorrenti huwa fl-ammont ta' €15,359.69c oltre l-imghax legali mill-25 ta' Mejju 2015.

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut.

Ir-rikorrenti jafu lilhom nfushom bil-fatti kif fuq dikjarati.

Huma jafu ukoll illi l-intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida x'taghi stante illi hija ma onoratx l-obbligi taghha ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent nomine bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti, is-somma ta' €15,359.69c (hmistax-il elf, tlett mija u disgha u hamsin Ewro u disa u sittin centezmu) oltre l-imghax legali mill-25 ta' Mejju, 2015 ta' flus dovuti mill-intimata lir-rikorrenti rigwardanti x-xiri tal-vettura HBL 791 fil-pussess tal-istess intimata liema vettura l-atturi xtraw ghall-istess intimata b'obbligu li l-hlasijiet isiru minnha u li l-intimata waqqfet taghmel il-pagamenti dovuti kif ukoll rapprezentanti flus lilha mislufa brevi manu u li gew mehuda lilhom b'qerq u li ghadhom ma gewx ritornati sal-lum.

3. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru nru. 995/15 u bl-ingunzjoni tal-intimata ghas-subizzjoni.

Rat li Demir Derya, minkejja li gie debitament notifikat, baqa' ma deherx ghall-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tilqa' t-tielet talba.

L-ispejjez jithallsu minn Demir Derja.

IMHALLEF